

Brussell, 21 ta' Marzu 2018
(OR. en)

7400/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0079 (NLE)

JAI 242
ASIM 26
CONUN 98
ONU 27
DEVGEN 40

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Marzu 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 167 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tapprova, f'isem l-Unjoni, il-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-iżvilupp

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 167 final.

Mehmuż: COM(2018) 167 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.3.2018
COM(2018) 167 final

2018/0079 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tapprova, f'isem l-Unjoni, il-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-iżvilupp

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Suġġett tal-proposta

Din il-proposta tikkonċerna l-approvazzjoni tal-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari (minn hawn 'il-quddiem "il-Patt Globali għall-Migrazzjoni") fisem l-Unjoni Ewropea.

Il-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari

Fl-10-11 ta' Diċembru 2018, il-Konferenza Intergovernattiva li se ssir fil-Marokk għandha l-għan li tadotta Patt Globali għall-Migrazzjoni kif previst fir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 72/44 tal-24 ta' Diċembru 2017 dwar il-Modalitajiet għall-Konferenza Intergovernattiva biex jiġi adottat il-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari¹.

F'dinja interdipendenti ħafna, il-migrazzjoni tista' tiġi indirizzata b'mod effettiv biss mill-komunità internazzjonali bħala ħaġa waħda. Il-migrazzjoni hija fenomenu globali li jeħtieġ soluzzjonijiet globali bbażati fuq il-prinċipji ta' solidarjetà u responsabbiltà konġunta.

F'Settembru 2016, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat id-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Refuġjati u l-Migranti², li ufficialment tnedi l-proċess ta' elaborazzjoni ta' Patt Globali għall-Migrazzjoni. Id-Dikjarazzjoni ta' New York hija pass importanti fl-iżvilupp ta' rispons globali għall-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzati. Hija ntlaqat mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni tal-20 ta' Ottubru 2016³.

L-Unjoni ilha mill-2016 impenjata b'mod kontinwu u bis-sħiħ fil-proċess ta' elaborazzjoni tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni, fejn qed twassal dikjarazzjoni koordinati tal-UE permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE fil-fażi konsultattiva u ta' evalwazzjoni tas-sitwazzjoni. Dan l-approċċ unifikat tal-UE wassal għal abbozz tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni li fil-maġġoranza tiegħu jirrifletti l-acquis u l-politika tal-UE, u jirrifletti l-għan tal-Unjoni li tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni, b'mod partikolari fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti.

Fl-aħħar ftit snin li għaddew, l-Unjoni bniet strateġija komprensiva fit-tul dwar il-migrazzjoni li tkopri l-aspetti kollha ta' dan il-fenomenu, mis-salvataġġ ta' persuni, l-għoti ta' protezzjoni lil dawk fil-bżonn, l-indirizzar tal-problemi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzati kif ukoll l-għoti ta' għajjnuna lill-popolazzjonijiet spostati bil-forza madwar id-dinja. Din l-istrateġija hija mibnija fuq sħubija u kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi u organizzazzjonijiet sħab bħall-Unjoni Afrikana, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Aġenziji tagħha. Jenħtieġ li dan l-approċċ komprensiv jiġi promoss mad-dinja kollha.

Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp⁴, adottat fl-2017, jiddikjara li l-UE u l-Istati Membri tagħha se jgħinu b'mod attiv l-elaborazzjoni tal-Patti Globali tan-NU dwar il-Migrazzjoni u r-Refuġjati, kif imsejħa mid-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Refuġjati u l-Migranti tal-2016.

Bil-pubblikazzjoni tal-abbozz zero tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni fil-5 ta' Frar 2018 u tal-"abbozz zero plus" fil-5 ta' Marzu 2018, il-proċess daħal fil-fażi finali ta' negozjati tiegħu, bi

¹ http://www.un.org/en/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/72/244

² <http://www.unhcr.org/new-york-declaration-for-refugees-and-migrants.html>

³ <http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2016/10/20/european-council-conclusions-migration/pdf>

⁴ Id-Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, 2017/C 210/01 (ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1).

tħejjija għall-konferenza intergovernattiva sabiex jiġi adottat il-Patt Globali għall-Migrazzjoni li se ssir f'Diċembru 2018 fil-Marokk.

Id-data prevista għall-approvazzjoni tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni f'isem l-Unjoni hija l-10 ta' Diċembru 2018, fl-okkażjoni tal-laqgħa plenarja li tagħti bidu għall-Konferenza Intergovernattiva.

Bażi ġuridika

L-Artikolu 16 TUE jipprovdi li l-Kunsill għandu jeżerċita funzjonijiet ta' tfassil ta' politika u ta' koordinazzjoni skont il-kondizzjonijiet previsti fit-Trattati. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill għandhom jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata, ħlief fejn it-Trattati jipprovdi mod ieħor.

Fi ħdan il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha skont l-Artikolu 208 TFUE, l-Unjoni għandha tiegħu in kunsiderazzjoni l-oġġettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolqot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dawn l-oġġettivi ġew imfissra b'mod wiesgħa fil-ġurisprudenza konsistenti tal-QtĠUE, riċentement fil-Kawża C-377/12, *il-Kummissjoni vs l-Kunsill*⁵, fejn ġie nnutat li l-migrazzjoni (inkluż il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali), hija integrata fil-politika għall-iżvilupp imfissra fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp. Il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp jgħid li l-UE u l-Istati Membri tagħha se jappoġġjaw bis-siġħ l-elaborazzjoni tal-Patti Globali tan-NU dwar il-Migrazzjoni u r-Refuġjati, kif imsejja mid-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Rifuġjati u l-Migranti tal-2016. L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli rrikonossiet li l-migrazzjoni hija realtà multidimensjonali ta' rilevanza kbira għall-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni.

Skont l-Artikolu 79(1) tat-TFUE, l-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni ta' immigrazzjoni maħsuba sabiex tassigura, fl-istadji kollha, l-amministrazzjoni effikaċi tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda b'saħħa kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.

Għal dawn l-għanijiet, għandhom jiġu adottati miżuri fl-oqsma tal-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza, kif ukoll l-istandards dwar il-ħruġ minn Stati Membri ta' viżi u permessi ta' residenza għal żmien twil, inklużi dawk sabiex terġa' tingħaqad il-familja; id-definizzjoni tad-drittijiet ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru inklużi l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra; l-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inkluża t-tkeċċija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni residenti mingħajr awtorizzazzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari tan-nisa u t-tfal.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 79(4) TFUE jistgħu jiġu stabbiliti miżuri sabiex jinkoraġġixxu u jappoġġjaw l-azzjoni ta' l-Istati Membri bl-għan li tiġi promossa l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fit-territorju tagħhom, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri.

Il-Patt Globali għall-Migrazzjoni jwaqqaf lista ta' oġġettivi konġunti għal migrazzjoni sikura, ordnata u regolari.

Għalhekk, il-bażijiet ġuridiċi tad-deċiżjonijiet proposti huma l-Artikolu 16 TUE flimkien mal-Artikoli 79 u 209 TFUE. Billi, skont il-Protokoll Nru 21 u 22 tat-TUE u t-TFUE, l-Irlanda, ir-Renju Unit u d-Danimarka mhumiex jieħdu sehem fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 16 TUE u l-Artikolu 79 TFUE, jenħtieġu żewġ deċiżjonijiet separati għall-

⁵ Is-Sentenza tal-Qorti tal-11 ta' Ġunju 2014, Kawża C-377/12, *Kummissjoni vs Kunsill*, ECLI:EU:C:2014:1903.

approvazzjoni tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni fisem l-Unjoni, wieħed ibbażat fuq l-Artikolu 16 TUE u l-Artikolu 70 TFUE u l-ieħor ibbażat fuq l-Artikolu 16 TUE u l-Artikolu 209 TFUE.

Elementi oħra

Il-Patt Globali għall-Migrazzjoni ma joħloqx u l-anqas għandu l-ħsieb li joħloq xi obbligi legali taħt id-dritt domestiku jew internazzjonali.

B'mod eċċezzjonali qiegħda tiġi sottomessa proposta sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħti l-approvazzjoni minn qabel tiegħu tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni u jiġi żgurat li d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jaqblu fuq il-Patt Globali għall-Migrazzjoni jsiru fi stadju fejn il-funzjoni tat-tfassil ta' politika tiġi eżerċitata fil-prattika u li l-UE tkompli tkun attiva u tinfluwenza l-approvazzjoni tagħha sabiex tiżgura li t-test finali tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni jkun konsistenti mal-acquis u l-politika tal-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tibgħat it-test lura lill-Kunsill jekk il-Patt Globali għall-Migrazzjoni ppreżentat matul il-Konferenza Intergovernattiva jkun sostanzjalment differenti mit-test meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tapprova, f'isem l-Unjoni, il-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-iżvilupp

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jelenka s-setgħat tal-Kummissjoni u jipprovdi b'mod partikolari li l-Kummissjoni għandha tassigura r-rappreżentanza esterna tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, u ta' każijiet oħrajn previsti fit-Trattati.
- (2) L-Artikolu 221 (1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li d-delegazzjonijiet tal-Unjoni fpajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom jirrappreżentaw l-Unjoni.
- (3) L-Artikolu 16 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-Kunsill għandu jeżerċita funzjonijiet ta' tfassil ta' politika u ta' koordinazzjoni skont il-kondizzjonijiet previsti fit-Trattati. Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill għandhom jittieħdu b'maġġoranza kwalifikata, ħlief fejn it-Trattati jipprovdu mod ieħor.
- (4) L-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jgħid illi l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali għandha tkun gwidata mill-prinċipji li ispiraw il-ħolqien, l-iżvilupp u t-tkabbir tagħha u li hija tfittex li tippromwovi fil-bqija tad-dinja: id-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-prinċipji tal-ugwaljanza u s-solidarjetà, u r-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u tad-dritt internazzjonali. L-Unjoni għandha tfittex li tiżviluppa relazzjonijiet u tibni sħubija mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali jew globali, li jikkondividu l-prinċipji msemmija fl-ewwel subparagrafu. Hija għandha tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni, b'mod partikolari fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (5) Fi ħdan il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħha skont l-Artikolu 208 TFUE, l-Unjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni l-oġettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-politika li x'aktarx tolgot lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dawn l-oġettivi ġew imfissra b'mod wiesgħa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti, riċentement fil-Kawża C-377/12, *il-Kummissjoni vs l-Kunsill*⁶, fejn ġie nnutat li l-migrazzjoni

⁶ Is-Sentenza tal-Qorti tal-11 ta' Ġunju 2014, Kawża C-377/12, Kummissjoni vs Kunsill, ECLI:EU:C:2014:1903.

(inkluż il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali) hija integrata fil-politika tal-iżvilupp fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp⁷.

- (6) L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli rrikonoxxiet li l-migrazzjoni hija realtà multidimensjonali ta' rilevanza kbira għall-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni.
- (7) Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, adottat fl-2017, jiddikjara li l-UE u l-Istati Membri tagħha se jgħinu b'mod attiv l-elaborazzjoni tal-Patti Globali tan-NU dwar il-Migrazzjoni u r-Refuġjati, kif imsejħa mid-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Refuġjati u l-Migranti tal-2016.
- (8) F'dinja interdipendenti ħafna, il-migrazzjoni tista' tiġi indirizzata b'mod effettiv biss mill-komunità internazzjonali bħala waħda. Il-migrazzjoni hija fenomenu globali li jeħtieġ soluzzjonijiet globali bbażati fuq il-prinċipji ta' solidarjetà u responsabbiltà konġunta.
- (9) F'Settembru 2016, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat id-Dikjarazzjoni ta' New York għar-Refuġjati u l-Migranti⁸, li uffiċjalment tnedi l-proċess ta' elaborazzjoni ta' Patt Globali għall-Migrazzjoni ("Patt Globali għall-Migrazzjoni"). Id-Dikjarazzjoni ta' New York hija pass importanti fl-iżvilupp ta' rispons globali għall-migrazzjoni u ċ-ċaqliq sfurzat. Hija ntlaqat mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni tal-20 ta' Ottubru 2016⁹.
- (10) Il-Patt Globali għall-Migrazzjoni ma jgħid li jgħid li jgħid li jgħid li jgħid xi obbligi legali taħt id-dritt domestiku jew internazzjonali.
- (11) L-Unjoni ilha mill-2016 impenjata b'mod kontinwu u bis-sħiħ fil-proċess ta' elaborazzjoni tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni, fejn qed twassal dikjarazzjonijiet koordinati tal-UE permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE fil-fażi konsultattiva u ta' evalwazzjoni tas-sitwazzjoni. Dan l-approċċ unifikat tal-UE wassal għal abbozz tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni li fil-maġġoranza tiegħu jirrifletti l-acquis u l-politika tal-UE, u jirrifletti l-għan tal-Unjoni li tippromwovi soluzzjonijiet multilaterali għal problemi komuni, b'mod partikolari fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (12) Fl-aħħar ftit snin li għaddew, l-Unjoni bniet strateġija komprensiva fit-tul dwar il-migrazzjoni li tkopri l-aspetti kollha ta' dan il-fenomenu, mis-salvataġġ ta' persuni, l-għoti ta' protezzjoni lil dawk fil-bżonn, l-indirizzar tal-problemi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u ċ-ċaqliq sfurzat kif ukoll l-għoti ta' għajnuna lill-popolazzjonijiet spostati bil-forza madwar id-dinja. Din l-istrateġija hija mibnija fuq sħubija u kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi u organizzazzjonijiet sħab bħall-Unjoni Afrikana, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Aġenziji tagħha. Jenħtieġ li dan l-approċċ komprensiv jiġi promoss mad-dinja kollha.
- (13) Bil-pubblikazzjoni tal-abbozz żero tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni fil-5 ta' Frar 2018 u tal-"abbozz żero plus" fil-5 ta' Marzu 2018, il-proċess daħal fil-fażi finali ta' negozjati tiegħu, bi tnejn għall-konferenza intergovernattiva sabiex jiġi adottat il-Patt Globali għall-Migrazzjoni li se ssir f'Diċembru 2018 fil-Marokk.

⁷ Id-Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, 2017/C 210/01 (ĠU C 210, 30.6.2017, p. 1).

⁸ <http://www.unhcr.org/new-york-declaration-for-refugees-and-migrants.html>

⁹ <http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2016/10/20/european-council-conclusions-migration/pdf>

- (14) Id-data prevista għall-approvazzjoni tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni f'isem l-Unjoni fl-okkażjoni tal-laqgħa plenarja li tagħti bidu għall-Konferenza Intergovernattiva hija l-10 ta' Diċembru 2018..
- (15) Huwa fl-interess tal-Unjoni li tikkontribwixxi għall-eżitu pożittiv ta' dan il-proċess u hija kruċjali biex tippreserva l-unità tal-pożizzjoni tal-UE sabiex tiżgura li t-test finali tal-Patt Globali għall-Migrazzjoni jkun konsistenti mal-politika u l-acquis tal-UE.
- (16) Għalhekk huwa xieraq li tingħata l-awtorizzazzjoni għall-approvazzjoni tal-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari bi tħejjija għall-Konferenza Intergovernattiva li se ssir fl-10-11 ta' Diċembru 2018.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata li tapprova, f'isem l-Unjoni, fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-Patt Globali għal Migrazzjoni Sikura, Ordната u Regolari, l-"abbozz żero plus" kif meħmuż ma' din id-Deċiżjoni, fil-Konferenza Intergovernattiva fil-Marokk fl-10-11 ta' Diċembru 2018.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tibgħat it-test lura lill-Kunsill jekk il-Patt Globali għall-Migrazzjoni ppreżentat lill-Konferenza Intergovernattiva fil-Marokk fl-10-11 ta' Diċembru 2018 ikun sostanzjalment differenti mit-test meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Il-Kummissjoni u d-Delegazzjoni tal-UE għandhom iżommu lill-Istati Membri infurmati b'mod regolari u għandhom jassiguraw kooperazzjoni xierqa mill-qrib.

Magħmul fi Brussell,

*Għal Kunsill
Il-President*